**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Lulju 2021**

Rikors Numru: 79/21 AL

AB

vs

CD

(M. R. Nru. 451/2003)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti kienet iżżewġet lil Jason Camilleri nhar it-30 ta' Mejju 2003 u miż-żwieġ tagħhom ma kienx hemm ulied;

2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar it-3 ta' Marzu 2017 (Dok A anness);

3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jitolbu u jottjenu manteniment mingħand xulxin;

4. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex, llum il-ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex huwa jirreġistra l-istess.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha ddikjara:

1. Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti hekk kif iddikjarati mill-attrici fir-rikors taghha;
2. Illi l-esponenti jaqbel mat-talbiet kollha attrici u dana stante illi jigi ppronunzjat il-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2021;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Marzu, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.
Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.